# Għaqdiet Religio-Soċjali fil-Belt Vittoriosa

## Minn Lorenzo Zahra

Għalkemm fil-preżent, donnu li għadda ż-żmien ta' ħafna għaqdiet kif kellna fl-imgħoddi, tajjeb niġbru ftit tagħrif dwar xi wħud mill-għaqdiet li sibna 'l hawn u 'l hinn notizzjarji dwarhom, biex hekk nuru li f'din il-Belt qadima ewlenija fost l-ibliet tal-Kottonera, uliedha kienu fost dawk li bil-ħidma tagħhom tant ħadmu f'dawn l-għaqdiet li kellna.

Biex nibdew tajjeb inħallu fil-ġenb dak li wieħed jista' jgħid għall-Fratellanzi li nistgħu ngħodduhom wisq aktar bħala għaqdiet Reliġjużi ta' lajċi, iżda ngħażlu li nibdew b'dawk li kienu msejjħa bħala - **Sodalità** - jew Pie Unione; Fost dawn nibdew bil-għaqda tal-qassisin li kienet magħrufa bħala **Sodalità dei Preti**, imwaqqfa fil-Birgu fl-1643. L-Għan ta' din l-Għaqda, li nistgħu ngħidu nsibu wkoll f'Parroċċi oħra, kienet l-għajnuna spiritwali u materjali tal-imseħbin qassisin.

Din is-Sodalità twaqqfet fil-25 ta' Settembru 1643, u billi fil-bidu ma kienx hawn wisq għaqdiet bħalha, nsibu fost il-membri, mhux biss qassisin mill-Birgu, imma wkoll minn bnadi oħra. Kienu msieħba f'din is-Sodalità wkoll xi Monsinjuri u m'għandniex nistgħaġbu li nsibu wkoll fost l-imseħbin xi 'Nkwiżituri, sabiex hekk dawn kien ikollhom min jieħu ħsieb jissufraġġhom wara mewthom.

Nistgħu ngħidu li din is-Sodalità sa ftit ilu kienet għadha tiffunzjona bit-talb għall-imseħbin, għalkemm in-numru tal-kleru fejn dari, naqas ġmielu.

(Ref: A. A. M. Suppliche Vol IV, V, VII)

**Sodalità** oħra li twaqqfet f'din il-belt kienet dik **tal-Agonija** li akkwistat il-konferma tat-twaqqif tagħha minn Ruma fis-27 ta' April 1725 meta kellha l-ewwel prokuratur tagħha Giovanni Battista Magri. Però ta'min jgħid li dan it-twaqqif tagħha bil-konferma tad-digriet tal-Kurja ma jfissirx li ma kenitx teżisti sa minn snin qabel. Dan jikkonfermawh il-kitbiet ta' mseħbin fis-sena 1724 li b'digriet tal-Isqof stess fl-24 ta' Awissu 1724 kien stabbilit mhux biss il-ħlas annwali ta' kull imsieħeb, imma wkoll il-quddies li s-Sodalità kienet obligata twettaq ghall-imseħbin.

Din is-Sodalità kellha wkoll oqbra tagħha fil-Knisja ta' San Lawrenz. Jidher iżda li maż-żmien l-imseħbin kienu jonqsu sew, billi aktarx kien hemm Fratellanzi li joffru id-difna u talb wara l-mewt u hekk is-sodalità msemmija ġiet fix-xejn. Fl-Arkivju tal-Knisja ta' San Lawrenz b'xorti tajba għad baqa' xi kitbiet tal-imsemmija Sodalità li jfakkruha.

(Ref; A.A.M. Supp. Vol IV fol. 343)

Sodalità oħra, jew għaqda ta' membri devoti, kienet dik ta' **San Ġwann l-Evanġelista**. Fl-arkivju tal-Kolleġġjata tagħna ma għandniex ebda kitba ta' din is-sodalità il-għaliex meta nqerdet is-Sagristija, ma nstabu ebda kitbiet tagħha.

Mill-Arkiviju tal-Kurja fil-kotba tas-Suppliche però nsibu li fit-12 ta' Settembru 1739, is-Sodalità ta' San Ġwann Evanġelista, talbet l-approvazzjoni għall-Istatut tal-għaqda.

Ma nafu xejn dwar il-ħidma ta' din is-Sodalità, u anqas jekk kienetx imwaqqfa fil-Parroċċa jew f'xi knisja oħra fil-Birgu.

(A.A.M. Supp Vol. 3 pag. 904)

Kellna Sodalità magħrufa bħala tad-Duttrina li bħala nsibu f'diversi parroċċi. Dawn kienu nxterdu fostna wara appell li kien sar mill-isqof sabiex ixerred it-tagħlim tad-duttrina fost il-poplu. Fil-Parroċċa tagħna ta' San Lawrenz din is-Sodalità twaqqfet fis-sena 1777 u fil-paġella mogħtija lilha b'awtorità ta' Ruma kellha dritt għall-privileġġi u ndulġenzi mgħotija lill-għaqdiet bħalha f'Ruma.

Din is-sodalità fil-Birgu kienet mhux biss tieħu ħsieb id-Duttrina tat-tfal u żagħażagħ fl-imgħoddi, imma wkoll kienet tiġbor lit-tfal fil-ġimgħat tar-Randan biex fil-Knisja jagħmlu l-Paċi. Din kienet ċerimonja li baqgħet issir sa ma bdiet il-Gwerra saħansitra mit-tfal tad-Duttrina li kienu jattendu l-Mużew fil-Parroċċa. Kienet issir bil-kant tat-tfal u daqq tal-orgni, u għaliha xi qassis kien qaleb ghall-alti lis-Stabat Mater Dolorosa biex titkanta mit-tfal.

Is-seklu tagħna ra għaqdiet ġodda għat-tagħlim tad-duttrina, u hekk din is-Sodalità ma ssemmietx aktar.

Kellna għaqdiet oħra reliġjużi msemmija Unione, bħal **"Pia Unione di Adorazzione quotidiana"** li kellha bidu f'Turin fl-1876. Din twaqqfet fil-Birgu fl-1924 sabiex tħeġġeġ l-imseħbin jitqarbnu kuljum, jew ta' l-anqas jagħmlu żjara lil Ġesù Sagramentat mqar għal minuta waħda. F'din l-għaqda msemmija kienet wkoll ħadet ħsieb li ta' kull nhar ta' Ħamis tiġbor l-imseħbin għall-siegħa adorazzjoni fil-Parroċċa kif għadu jsir sal-lum.

Anke din l-Pia Unione kienet maqgħuda ma' oħra bħala li tinsab fil-Knisja ta' Sant'Andrija u San K lawdu ta' Ruma biex hekk l-imsieħba, jgawdu l-istess privileġġi u ndulġenzi.

Fil-Knisja tal-Patrijiet Dumnikani fl-1897 bil-ħidma ta' Patri Andre Vella Dumnikan, kienet nibtet għaqda msejħa **"Pia Unione Riparatrice"** li l-iskop tagħha kien dak li l-imsieħba jpattu għal tant offiżi li jirċievi l-Mulej, l-aktar taħt il-Misteru tal-Ewkaristija.

Nistgħu ngħidu lil-ħidma ta' din l-Pia Unione maż-żmien għaddiet għall-għaqda ġdida li kien beda Patri Dumnikan ieħor, Patri Ġelardu Paris li sal-lum għadha fostna f'diversi parroċċi msejħa bħala ix-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla. Anke din ix-Xirka sabet membri fost il-Vittorjosani li kienu fl-imgħoddi fost tant ħbarieka li b'żelu kienu jgħinu l-Patri Paris u llum qed imexxi l-istess Xirka, Patri Dumnikan mill-Birgu, Fr. Anġeliku Vella u miegħu jissieħeb Vittorjosan ieħor magħruf is-Sur Ġorġ Agius.

(A.A.M. Supp. Vol 126, pag. 184)

Fl-artal tas-SSmu Kurċifiss fil-Parroċċa ta' San Lawrenz kien hemm miġbura l-imseħbin li kellhom devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, qima li xterdet mad-dinja fil-bidu ta' dan is-seklu. Fil-Birgu barra mid-Dar tal-Baxx, fi Strada San Giorgio, fejn familja kienet biddlet darha f'lok ta' qima lejn il-Qalb ta' Ġesù u li nqerdet biss fil-Gwerra li għaddiet, kellna snin qabel **Pia Unione del Sacro Cuore di Ġesù.** Din wkoll kienet magħquda ma' oħra bħala f'Ruma fil-Knisja ta' Santa Marija "ad Pinean" skond diploma bid-data tas-27 ta' Diċembru 1838. B'hekk din l-Unione kellha obbligu li jsir talb tal-agunija għall-imseħbin ħalli jkollhom passaġġ tajjeb għad-dinja l-oħra.

L-aħħar prokuratur ta' din l-Unione kien Giovanni Dalmas fl-1917. Din l-għaqda kienet kabbret wisq il-qima u l-Festa tal-Qalb ta' Ġesù u kienet wasslet lil l-Parroċċa jkollha dik "ir-Raġġiera" kbira u sabieħa li kienet tintrema fil-Qalb ta' Ġesù, li kien ħadem Dalmas stess ma' oħrajn. Saħansitra lis-Sfera sabieħa saret bil-ħidma ta' l-Unione. Il-Purċissjoni ta' dari tal-Qalb ta' Ġesù b'għadd kbir ta' qassisin kienet xhieda tal-ħidma tal-Pia Unione msemmija.

## Kongregazzjoni San Alwiġi

Fil-Belt Vittoriosa fl-1909 il-Kan. Dun Manwel Gatt Flores kien jiġbor iż-żgħażagħ fid-**Domus** li kien f'dar fid-Daħla tal-Pjazza. (Id-dar fejn issa jinsab il-klabb tal-Football). Billi l-għaqda tad-Domus kif kien magħruf kienet taħt il-protezzjoni ta' San Alwiġi, kiensar kwadru tal-qaddis fil-Parroċċa u kienet issir il-festa ta' kull sena fil-21 ta' Ġunju. Il-Kwadru għadu jinsab fil-Parroċċa, imma l-għaqda spiċċat billi wara żmien dehru fil-parroċċa għaqdiet jagħmlu l-istess mistier, cioe li jiġbru u jgħallmu Duttrina u l-ħajja Nisranija fost iż-żgħażagħ.

Fis-sena 1920 l-aħħar superjur kien il-Kanonku Mazzelli u is-segretarju Sur Galea li kien tant ħabrieki li miet fl-1920 skond il-Malta Herald tal-21 ta' Marzu 1920. Il-Membri tal-Għaqda kienu wkoll jinteressaw ruħhom b'sens patriottiku għas-sitwazzjoni politika wkoll tant li kienu ħadu sehem fl-Assemblea Nazzjonali tas-sena 1919 li talbet drittijiet għall-poplu Malti.

(Malta 27/2/1919)

Fil-Bidu ta' dan is-seklu daħlet sewwa f'Malta s-**Soċjetà ta' San Vinċenz de Paula** li oriġinat fil-Belt Valletta fl-1850. Din l-Għaqda dehret fil-Belt Vittoriosa wkoll fis-sena 1917.

Membri ta' din is-Soċjetà kienu dejjem l-aħjar nies, b'għadd fosthom mill-Kleru u nies ta' professjoni flimkien ma' oħrajn li kienu jiltaqu' regulari, jiġbru kontribuzzjonijiet kif wkoll jgħinu lill-familji tassew batuti. **Is-Soċjetà San Vinċenz** kienet ixxandar rapport tal-ħidma tagħha u biex nagħtu eżempju nistgħu ngħidu li sena biss wara twaqqif tagħha, kienu ingħataw għajnuniet lill-79 familja skond rapport pubblikat fil-Malta tat-8 ta' Awissu tas-sena 1918. Insemmi fost l-attivisti lill-Kan. Raf Mazzelli, li kien teżorier, lill-Arċipriet Farrugia li kien President, lis-Sur Fleri Soler, u l-Dr L. Casha tabib li kien jgħin is-soċjetà anke bil-ħidma gratis tiegħu.

Kellna wkoll fil-Belt Vittoriosa is-**Soċjetà Mutuo Soccorso Sacra Famiglia**. Din is-soċjetà bdiet taħdem fis-sena 1906 u kellha regolamenti b'kontribuzzjoni żgħira tal-imseħbin, però kienet wkoll tissokkorrihom f'kull għawġ li seta' jinqalahom, bħal mard, korrimenti u anke mwiet. Is-Soċjetà kellha sede tagħha f'Nru 16 Strada Desain (id-Daħla tal-Pjazza) fejn il-membri kienu jiltaqu'. Fis-sena 1920 din l-għaqda nsibha fix-Xatt Strada San Lorenzo 95 (Malta Herald 9.7.20) u fis-sena 1919 membri tagħha ħadu sehem wkoll fl-Assemblea Nazzjonali msejħa dwar talba għad-drittijiet tal-poplu. (Malta Herald 27.2.1919).

Hekk l-imseħbin kienu jinteressaw ruħhom mhux biss mill-ħtieġa ta' għajnuna reċiproka, imma wkoll b'sens patriottiku mill-ġrajja nazzjonali. Fost l-attivitsti jibqa' msemmi is-segretarju tal-għaqda li għal diversi snin, kien il-perm tal-ħidma tas-Soċjetà. Dan kien Lorenzo Bonanno. Xi kotba tal-Għaqda jinsabu konservati fl-Arkivju tal-Knisja biex ifakkruna f'ħidma soċjali benefika fi ħdan il-Knisja, fi żminijiet meta ma kienux jeżistu benefiċċji soċjali ta' żminijietna.

(Reg: Malta Herald 23.1.29; Berqa 7.4.33)

**Is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija** (Tal-Mużew) mwaqqfa minn Dun Ġorġ Preca fl-1907, waslet wkoll fil-Birgu fis-sena 1921 meta fetħet l-ewwel dar fiż-Żenqa (Sqaq Nru 1 - Triq Santa Skolastika) u din kienet id-dzatax-il dar li nfetħet f'Malta għalhekk ingħatat Nru "Qasam 19".

L-għan tal-Għaqda kien it-tagħlim bis-serjetà tad-Duttrina Nisranija u għalhekk kienu jinġabru żgħażagħ jitgħallmu bejniethom u wara jgħallmu. Huma bdew jieħdu ħsieb it-tfal għall-ewwel Tqarbina, u tfal oħra jissieħbu bħala magħżulin, oħrajn Kandidati u fl-aħħar Soċi. L-Għaqda kienet titmexxa min Superjur u fost l-ewwel soċi msemmu lil Pawlu Drago, Wenzu

Borg, Leli Attard, Ċikku Caruana, Karmenu Zahra, Ġanni Schembri u tant oħrajn. Għal xi żmien kien hemm Skola Cantorum li kienet saret magħrufa sewwa ma' Malta kollha għall-ħidmiet tagħha. Miż-Żenqa, il-Mużew għadda għall-dar kbira fix-Xatt Nru 3 Strada San Giorgio (il-Palazz ta' Bettina) u wara l-Gwerra f'Convent Street Nru. 8 fejn tinsab sal-lum.

Is-Soċjetà tal-Mużew għandha wkoll fergħa oħra tan-nisa li tieħu ħsieb it-tagħlim tad-Duttrina lill-bniet.

(Ara Berqa 2.12.38 - kitba ta. C.G.M.F. Leħen is-Sewwa 6.11.71)

Meta nistgħu ngħidu mad-Dinja kollha kien hawn moviment nisrani dwar il-ħtieġa ta' liġijiet soċjali u għaqdiet tal-Ħaddiema, anke f'Malta ta' wara l-Gwerra kellha l-Għaqda imsejħa " Żgħażagħ Ħaddiema Nsara" li nistgħu ngħidu dehru f'diversi parroċċi. Ma naqasx anqas li fil-Belt Vittoriosa xi żgħażagħ jingħaqdu flimkien bħala fergħa ta' dan il-Moviment. U fis-sena 1960, meta għamel żjara f'Malta wieħed mill-aktar attivisti popolari tal-Moviment Internazzjonali, Majone, kien dan li qata' iż-żigarella taċ-ċentru tal-Birgu li kien fis-Sala l- Kbira ta' taħt l-Armerija li kienet iġġib l-isem ta' Diana Hall. Għal xi żmien id-dar tal-Moviment għaddiet għall-Pjazza (2 Square Approach) fejn kienu jiltaqgħu u jwettqu ħidmiet kif biex nagħtu eżempju nsemmu li f'Mejju 1962 organizzaw Wirja ta' xogħlijiet ta' wlied il-Birgu li kienet tant qajmet interess. Illum il-Għaqda fil-Birgu spiċċat.

Għaqda oħra ta' ħidma soċjo-Kattolika rajna titwieled fil-belt tagħna fis-sena 1936, din id-darba bl-isem ta' Azzjoni Kattolika; din l-Għaqda mwielda f'Ruma mill-Papa fil-bidu tas-seklu twasslet wkoll f-diversi parroċċi biex tlaqqa' tfal u żgħażagħ f'edukazzjoni ta' stil Kattoliku. L-ewwel tesserament, kif jissejjaħ iċ-ċerimonja tal-kitba ta' membri seħħ fl-20 ta' Ġunju 1937 fil-Parroċċa ta' San Lawrenz żmien l-Arċipriet Farrugia meta ġie wkoll il-Vigarju.

Iċ-ċentru jew Sede kien fid-Daħla tal-Pjazza, Strada Desain fejn kienu jiltaqu' żgħażagħ u kbar. Iċ-Ċirkolo kien dedikat lill-San Filippo Neri. Fost il-ħabrieka membri ma tistax ma ssemmix lis-Sur Peppinu Cauchi u lis-Sanny li kienu pajjunieri. Kien hemm xi Kanonċi bħal Dun Lawrenz Micallef, Dun Ġlormu Brincat, Dun Ġużepp Bonnici li ħadmu wisq u kienu jokkupaw pożizzjonijiet saħansitra fiċ-Ċentru Nazzjonali.

L-Azzjoni Kattolika kienet toffri tagħlim, post ta' rikreazzjoni, bit-teatrini,kif wkoll kor tat-tfal ikantaw. Kienet il-Gwerra li xerredt il-poplu ma' Malta kollha, u ġġarfet is-sede. Wara l-Gwerra is-Sede kien fi Triq La Vallette inawgurat fl-1963. Wara xi żmien is-Sede nsibuh f'Nru 3 Triq Desain fejn jinsab sal-lum. (Times of Malta 22.1.63)

Fil-Belt Vittoriosa ta' dari, meta ma kienx hawn divertimenti wisq bħal-lum, fil-Birgu kellna ħafna li jħobbu l-palk u hekk kellna għaqdiet drammatiċi b'wħud li huma ta' ħila kemm għall-kitba ta' drammi kif ukoll għar-reċtar fuq il-palk.

L-ewwel Kumpanija li ltqajna ma' isimha kienet dik imsejħa "Belli" li fl-1856 kienet inawgurat il-hidma tagħha bi preżentazzjoni fil-Birgu skond il-Ġurnal l-Ordine tat-12 ta' Settembru 1856.

F'dan is-seklu kellna għaqda oħra magħrufa wisq u kienet iġġib l-isem ta' Ġiovane Vittoriosani. Din kienet tagħmel rappreżentazzjonijiet mhux biss fil-Birgu, imma wkoll f'Bormla u bnadi oħra.

Kellna għaqda oħra drammatika, din kienet dik imsejħa Sons of Vittoriosa u fost il-ħidma tagħha insibuha taħdem fil-Coronation Hall il-Birgu, (is-sala ta' taħt l-Armerija) b'rappreżentazzjonijiet differenti. Kien mexxej tal-Għaqda Toni Scicluna u spiss insibu tifħir fil-ġurnali għax-xogħol tagħha. (Berqa 9.2.39).

Għaqda oħra drammatika ta' dan is-seklu kienet dik fl-Azzjoni Kattolika li kien jieħu ħsiebha is-Sur Gauci. Din l-Għaqda baqgħet tagħmel rappreżentazzjonijiet anke wara l-Gwerra, iżda meta l-Gvern qatagħha li jħott is-Sede tal-Azzjoni Kattolika fid-Daħla, l-għaqda ma ħadmitx iktar.

F'dawn iż-żminijiet il-Birgu għad għandu min iħobb il-palk modern u rajna jaħdmu f'diversi postijiet f'Malta il-VittoriosaRock Opera Group b'għadd ta' żgħażagħ flimkien jaħdmu u jorganizzaw plays stil tal-lum, li nistu' ngħidu għamlu isem f'Malta għal ħidma tagħhom. Dan il-grupp nibet fl-1969 u fost ħabrieka membri huma Lawrence Aquilina u Horace Micallef.

Is-St. John's Ambulance Brigade hija għaqda oħra li kellna fil-Birgu. Fost l-ewlenin membri li kienu jiltaqu' fil-Belt Valletta sa mis-sena 1909 kien hemm uħud Vittorjosani u Cospicwani. Dawn ma damux ma ħasbu biex iwaqqfu sezzjoni fil-Kottonera u dan sar fit-12 ta' Novembru 1910 meta iltaqu' l-ewwel darba fl-iskola ta' Bormla taħt it-Tabib Busuttil.

Is-sena ta' wara, cioè fl-1911 akkwistaw post f'Couvre Porte u hemm sar il-Headquarters tal-Cottonera Division. L-ewwel ħidma pubblika tal-grupp kienet fil-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali, fl-1913, imma l-ħidma ma qatgħetx u baqgħu jsiru lectures ta "first aid" liż-żgħażagħ daqqa minn tabib u oħra minn ieħor. Wara l-Gwerra l-Kbira għaddew minn żmien bla ħidma, imma fl-1923 reġgħu bdew jiltaqu bis-Sur Gatt, Dr. Cauchi u Sur Paul Xuereb. Fis-sena 1948, wara l-gwerra kienu jsiru laqgħat fil-Palazz ta' l-Inkwiżitur u l-grupp kien numeruż sewwa u attiv f'bosta ċerimonji nazzjonali bit-tabib Dr. Paris u Dr. Saliba jgħallmu u jgħatu lectures.

Illum din id-Division tal-Cottonera waqfet u ma għadiex fostna iżda l-Għaqda Nazzjonali hi imwaqqfa fil-Belt Valletta fejn jinġabru membri mill-bliet u rħula kollha ta' Malta.

Għaqdiet Kulturali fil-Belt Vittoriosa tfaċċaw sa mill-1850, meta Literary & Scientific Institute twieldet fostna bil-Gvernatur Padrun tal-Għaqda. F'din l-Għaqda kienu il-Kan. Politi, Agostino Portelli, Adriano Dingli, Charles Wright u tant oħrajn fosthom uffiċjali Ngliżi. Din l-Għaqda fis-sena 1853 marret fil-Belt Valletta minn fejn baqgħet għal snin tiffunzjona mill-Awla tal-Università.

Fis-sena 1866 fil-Birgu kien hawn soċjetà oħra simili li kien jisimha Soċietà Archeologica u di Storia Naturale. Din tidher imsemmija f'Magazine pubblikat mill-Kurja jismu "La Diocesi - 1919". L-iskop tagħha kien li ixxerred it-tagħlim ta' storja u dik naturali. Vittorjosani kont dari ssibhom attivi wkoll f'soċjetà li kien waqqaf is-Sur Caruana Gatto bl-isem ta' Soċjetà Scientifica Maltese u fost dawn kont issib bla dubju lil Prof. Nap. Tagliaferro, Patri Dumnikan Fra Ascanju Levanzin u Fra Anġeliku. Ma' dawn kien wkoll l-avukat Benjamin Bonnici u allura kienu jippubblikaw l-Archivium. Fis-sena 1933 is-Sur Lorenzo Borg mill-Birgu kien beda għaqda li kien jisimha Malta Society of Technology. Soċjetà bħal dawn juru l-element li bih kien mimli l-Birgu ta' dari, b'nies ta' xeħta tassew kulturali.

(Ara Mument 18.6.1989)

Ftit wara l-gwerra meta l-Birgu kien ġie meqrud bil-bombi li ġarrfu parti kbira tal-bini, meta beda xogħol ta' rikostruzzjoni, kienet qamet kuxjenza għall-ħarsien tal-patrimonju storiku tal-belt. Dan il-għaliex kien hawn min ried li l-Birgu jsir belt moderna. Wħud għalhekk ingħaqdu bil-ħsieb li jagħmlu rappreżentazzjonijiet lill-Awtorità dwar dan. Fis-sena 1954 saret l-ewwel laqgħa fl-Armerija u fiha kien magħżul l-ewwel president Dr. Louis Buttigieg u l-Għaqda ħadet isem ta' Soċjetà Storiko-Kulturali.

Kien iffurmat statut u bdiet issir ħidma b'appelli lill-Gvern dwar il-ħarsien ta' bini storiku u riżoluzzjonijiet għall-bini mill-ġdid ta' dak li ġġarraf.

Is-Soċjetà ħadet ħsieb wkoll li ta' kull sena tfakkar ir-Rebħa tal-Assedju nhar il-Vitorja, fil-pjazza tal-Birgu.

Il-Gvern ħass il-ħtieġa jgħin għaqda bħal din u ngħatat użu ta' xi kmamar fil-Palazz ta' l-Inwiżitur. Meta però dan il-palazz fl-1973 kellu jiġi mibdul f'Mużew tal-Folklore, l-għaqda ħasbet sabiex takkwista post fil-Pjazza f'dar li ġiet imsemmija "Dar it-Tmienja ta' Settembru". Ħidmiet tal-għaqda huma dawk kulturali u tieħu ħsieb ukoll bosta ħtiġiet ċiviċi fil-Birgu.

Fis-sena 1882 fid-dar Nru 8 il-Pjazza Vittoriosa nibet iċ-Ċirkolo San Lorenzo li kien qisu l-każin tas-Sinjuri u tal-qassisin, speċi bħal dak li kien hemm fl-Imdina ftit wara jismu Casino Notabile. L-istatut kien approvat f'April ta' l-istess sena u ġie stampat. Il-professjonisti kienu jiltaqu f'dan il-każin filgħaxija jqattu ftit ħin flimkien.

Ta' min jgħid li fl-istess żmien fil-Birgu kien hawn wkoll Circolo Operaio San Lorenzo, fejn kienu jiltaqu nies ħaddiema u tas-snajja jitkellmu fuq ix-xogħlijiet tagħhom.

Bieb ma' bieb maċ-Ċirkolo San Lorenzo, cioè nru 19 kellna l-Camera di Lettura,isimha magħha: Kienu jiltaqgħu xi qassisin fejn jinġabru jaqraw u jpoġġu fejn il-bieb fis-sajf i parlaw u jqattu siegħa żmien flimkien. Dawn l-għaqdiet inqerdu mill-Birgu mal-bidu tal-Gwerra, il-għaliex il-poplu tal-Birgu xtered ma' Malta u qajl reġa' lura wara l-Gwerra.

Huwa xieraq wkoll li nsemmu li fil-Belt Vittoriosa kellna sa mill-bidu li daħal f'Malta il-Group ta' lis-Scouts tagħna.

"Il-Vittoriosa Group" li kellha l-Head Quarters tagħha fil-Kavallier San Ġwann allura kienet bdiet b'maktur ħamrani bis-salib abjad biex ifakkar ir-rabta tal-Birgu mal-Ordni. Iżda fis-sena 1938 dan ġie mibdul f'ieħor kulur Royal Blue, u fuqu badge sewda bis-salib abjad tal-Kavallieri.

Anke l-Grupp ta' Scouts ta' Beltna, mal-Gwerra sfaxxa u ma reġgħax inġabar wara l-gwerra biex minflok, fil-Kavallier San Ġwann illum jinsab lis-Scout Group ta' Cospicua, li miegħu huma msieħba żgħażagħ mit-tlett ibliet (Birgu, Bormla u l-Isla).

Għaqda mhux tas-soltu fil-Birgu kienet il-Loġġa tal-Mażuni li fi żmien il-ħakma Ngliża kellha postha fil-Pjazza tal-Birgu. Iżda din ma kenitx għan-nies tal-Birgu, imma għal bosta nies tas-servizz fl-ARMY u NAVY Ingliża.

Din il-Loġġa kienet magħrufa in-Nru 2 u msemmija għal Lord Beresford.

(Malta Herald 31.1.19)

Għaqdiet oħra fil-Birgu, bħal dawk tal-Baned, huma għaqdiet li dwarhom inkiteb ġià dwarhom f'kitbiet oħra, għalhekk dawn kif ukoll għaqdiet sportivi li fil-Birgu ma jonqsux, ħallejnihom bħala suġġett distint.


**GĦALL KULL XOGĦOL TA'**
**PLUMBING SAQSU GĦAL**
**JOSEPH BONDIN**
**(JISSEJJAH GORI)**
**Tel: No: 772540**